ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 37/07 – L-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2015 fis-18:00pm.**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | *Irtira fi 20:40pm* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fi 18:30pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | *Assenti* |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Tqassim ta' Dekasteri
4. Affarijiet Finanzjarji
   - *Skeda ta' Pagamenti*
5. Rapport mill-Kunsillieri
6. Ħwejjeġ Oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1. <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 35/07 ta' nhar **l-Erbgħa 27 ta' Mejju 2015 fis-6.00pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Nru. 36/07 ta' nhar l-Erbgħa 10 ta' Ġunju 2015 fis-6.00pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

i.i. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2. <u>Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)</u>

i Is-Sindku Paul Farrugia aġġorna lill-Kunsill bis-sitwazzjoni preżenti mal-Kuntrattur Vella Group. Huwa spjega li hekk kif kien maqbul l-Avukat Mario Mifsud issa qiegħed jirrappreżenta lill-Kunsill minflokk Dr Mario Mifsud. Pendenzi mill-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.ii Is-Sindku kompla jispjega li sar meeting li preżenti kien hemm hu, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Avukat Dr Mario Mifsud għan-naħa tal-Kunsill u s-Sur Jimmy Vella għall-Vella Group, flimkien mal-Avukat tiegħu. Is-Sindku qal li dan il-meeting sar proprju għall-fatt peress li l-Kunsill mhuwiex jaqbel mal-Kuntrattur fuq l-ammonti. Is-Sindku kompla jispjega li wara ħafna battibekki l-Kuntrattur stqarr li s-Segretarja għandha affarijiet neqsin għaliex huwa kellu direttiva mingħand l-Ex-Sindku Joseph Abela li ċertu korrispondenza ma jibgħathomx lis-Segretarja imma jibgħathom lilu biss. Is-Sindku qal li jidher li għalhekk m'aħniex naqblu għax jekk fost dawn id-dokumenti hemm ukoll xi invoices allura l-valuri li għandu l-Kunsill mhumiex rejali.

i.iii Is-Sindku żied jgħid li anke fil-każ tar-romblu,l-ex Sindku u l-Ex Segretarju Eżekuttiv qatt ma ġabu evidenza li seta' kien hemm xi *agreement* li l-Kuntrattur kellu jitħallas tar-romblu. Il-Kuntrattur, qal is-Sindku ddikjara li huwa għandu bil-miktub li l-użu tar-romblu kellu jkun bi ħlas.

i.iv Il-Kunsillier Frans Agius qal li qabel ma nieħdu kwalunkwe deċiżjoni hemm bżonn li naraw l-evidenza. Is-Sindku kkonfermalu li l-Kuntrattur għandu jġib kollox f'laqgħa oħra li diġa ġiet skedata għat-3 ta' Lulju 2015. Preżenti għal din il-laqgħa ser jattendu wkoll l-Accountants taż-żewġ partijiet.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fil-Berġa jidher li issa lest. Id-data li kienet proposta ġiet ikkanċellata u issa dan il-Kunsill irid jipproponi 3 dati oħra biex tintgħażel waħda minnhom. Is-Sindku kompla jispjega li saħansitra ltaqa' mal-Onor. Fearne u fakkru f'din l-attivita'. Berġa

iii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li reġa' ltaqa' mal-Ambaxxatur Malti għall-Bulgaria fejn dan min-naħa tiegħu nfurmah li reġa kellu kuntatt mal-Bulgaria fejn talbuh biex jara kif wieħed jista' jaħdem b'kollaborazzjoni fuq il-qasam artistiku. Wieħed għandu jikkunsidra wkoll dan il-proġett fuq bażi reġjonali. Ambaxxatur Malti għal Bulgaria

iv. Fir-rigward ta' Ġnien Veliko Turnovo s-Sindku spjega li dan il-Kunsill għadu *status quo*. Dan għaliex jidher li l-ex Sindku Joseph Abela kien diġa sab xi nies biex jamministraw dawn il-gazebos kif mitlub fil-kuntratt pero meta rreżenja huwa rrifjuta li jgħaddi d-dettalji lis-Seg. Eżek. għaliex stqarr li ladarba hu personali kien għamel l-arranġamenti hu għaldaqstant ma ħassx li kellu jgħaddihomlha. Ġnien Veliko Turnovo

iv.i Is-Sindku rrimarka li b'din l-attitudni wieħed jasal għal konklużjoni li l-Ex Sindku kien qed jaħdem

għalih personali u mhux għal ġid komuni tal-Kunsill u tar-raħal.

iv.ii Is-Sindku talab lill-Kunsillier Frans Agius sabiex minn naħa tiegħu forsi bħala Kultura u Awtorita' tat-Turiżmu jsibx xi kuntatti.

vi.iii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li biex ma nħallux iktar iż-żmien għaddej forsi anke jittellgħu xi esebizjonijiet temporanji. Is-Sindku qabel mal-Kunsillier Bonavia u talab lill-Kunsillier Frans Agius forsi jsib xi ħaġa marbgħuta mal-Artiġġjanat. Is-Sur Agius ser jara x'jista' jsir u jirraporta lura fil-laqgħat li ġejjin.

vi.iv Is-Seg. Eżek. qalet li l-unika persuna li taf biha hija s-Sur Denis Calleja għax kien ġie jkellem lill-Ex Sindku minħabba l-gazebo fi Ġnien Veliko Turnovo. Is-Sindku ser jipprova jagħmel kuntatt miegħu u jara f'hix kien wasal mal-Ex Sindku.

vi.v Sadanittant il-Viċi Sindku Keith Darmanin qal li jaf b'xi skultur u ser javviċinah u jkellmu u jirraporta lura fil-laqgħat li ġejjin.

v. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li għalkemm għamel laqgħa mal-ħaddiema assenjati ma' dan il-Kunsill, xorta waħda għadu mhux kuntent. Is-Sindku qal li bħala rassenja qed tinżamm ta' kuljum. Huwa ser jerġa jlaqqahom u jerġa jkellimhom tal-aħħar. F'każ li mhux ser jara tibdil ser jitlob lill-ETC biex tneħħihom minn ma' dan il-Kunsill Lokali. Ħaddiema Assenjati mal-Kunsill.

vi. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-attivita' li kellha ssir b'tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra issa ser issir nhar il-Ħadd 28 ta' Ġunju 2015 fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Tarxien. Jum Ħal Tarxien

vii. Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li hekk kif kien hemm qbil fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill is-sejħa għall-impjieg full time ta' Uffiċċjal Eżekuttiv fuq Skala 13 u persuna oħra Skrivana part-time fuq Skala 15 fuq bażi back to back, ġiet temporanjament sospiża mid-Dipt Gvern Lokali. Sejħiet għall-impjegati

viii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-kompjuter ġdid wasal, tħallas u qed jintuża. Kompjuter ġdid

viii.i Infurmat ukoll li ġie mixtri aircondition ġdid peress li dak li kien hemm eżistenti kien ma jaħdimx AC ġdid

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talbiet għal rifużjoni lill-Kunsilli minħabba ħsarat f'tyres u/jew vetturi minħabba l-istat tat-toroq, din eskalat għaliex spiċċajna bil-pulizija. Dan f'każ partikolari ta' persuna li qed titlob rifużjoni. Dan l-istess persuna qed ikun arroganti anke miegħu fuq it-telefon. Saħansitra ktibna lill-Ispettur tal-għassa biex jammonih. Is-Sindku kompla jispjega li bħala Assoċ. Gvern Lokali għadhom qed jiddiskutu dan il-każ. Ħsarat fuq vetturi u/jew tyres minħabba stat ta' toroq

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-19:00pm*

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ex Sindku kien irritorna ċ-ċwievet tad-dressing rooms. Huwa spjega li ladarba mar u fetaħ sab affarijiet personali tal-Ex Sindku bħal crates mimlijin bil-platti, manekkini bil-kostumi tal-karnival, u għamara fost affarijiet oħra. Ċwievet tad-dressing rooms

x.i Huwa kompla jispjega li l-ex sindku kien mitlub kemm il-darba biex jiġi jiġbor ħwejġu u baqa' ma ġiex. Infatti l-ħaddiema tagħna kellhom jgħabbu kollox huma fil-vann tal-Kunsill u jeħduhomlu fil-maħżen tal-għaqda tiegħu. Kien hemm vann mimli ppakjat bl-affarijiet personali tal-Ex Sindku. Dan juri biċ-ċar li d-dressing rooms kienu qed jintużaw għal skop ulterjuri minn dak mistenni.

x.ii Is-Sindku qal li b'dan l-aġir jikkonferma għaliex kien korrett meta kien ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-kontijiet għoljin tad-dawl tal-ground li kien qed jiġu u dan meta l-bini suppost ma kienx qed jintuża. Tant hu hekk kompla s-Sindku, li wara li kien ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill xi ħadd minn min kien juża dawn id-*dressing rooms* mingħajr il-permess tal-Kunsill, kien għatta' l-ħġieġ tal-loġġ tal-bieb tad-*dressing rooms* b'dak li suppost kien iservi bħala tapit. Dan it-tapit sibnih għadu mwaħħal mal-loġġ. Dan sar biex ma jagħtux fil-għajn u ma

jidhirx minn barra peress li speċjalment fi żmien il-karnival kienu qed idumu ħin twil sa tard bil-lejl u sbieh il-jum jaħdmu hemmhekk.

x.iii Rigward it-turf, is-Sindku nforma lill-Kunsill li ħadna parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill u dan min-naħa tiegħu ċċekja f'hix kien wasal il-każ fejn jidher li l-Appell kien għadu anqas biss ġie appuntat u li dan seta' jdum saħansitra tlett snin biex jiġi appuntat. Għalhekk huwa ssuġġerilna li jew il-ground ma jintużax iktar jew inkella issir insurance u kull min jiġi juża dan il-ground irid ikun ċert u jaċċetta l-użu tal-ground bil-kundizzjoni li hu, u li l-Kunsill ma jistax jinżamm responsabbli. Turf tal-ground 5 aside

x.iv Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li ssir laqgħa mas-Sur Tony Cassar dwar dan il-ground fejn danw il-problemi jiġu diskussi miegħu wkoll peress li huwa partner mal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li dan diġa sar u fil-jiem li ġejjin ser jiltaqgħu biex jitkellmu.

x.v Is-Sindku talab lill-Kunsillieri biex jekk xi ħadd javviċinahom, huwa fi dmir ta' kull Kunsillier li jispjegawlhom li dan il-ground mhux tajjeb li jsir ġiri fih minħabba l-istat tat-turf. Huwa żied jgħid li dan kien qed jgħidulhom għall-fatt li ladarba konna bdilna l-katnazz tax-xatba, lilu bdew javviċinawh diversi persuni, li qabel kellhom iċ-ċwievet u dan mingħajr il-permess tal-Kunsill, il-għaliex issa li hemm hu Sindku mhux qed iħallihom jibqgħu jużaw il-ground bħalma kien jagħmel l-Ex Sindku. Huwa temm li l-pubbliku għandu jkun jaf il-fatti kif realment huma u mhux bin-nofs veritajiet.

xi. Rigward *shared spaces in urban areas – improving the urban environment*, is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Ismael Dalli għandhom jiltaqgħu biex jittresqu l-proposti f'laqgħat oħra. Shared spaces

xii. Is-Seg. Eżek infurmat lill-Kunsill li dwar it-tqassim ta' *TALLINJA CARDS* ġew infurmati li dawn issa ser jitqassmu mit-TM bil-posta. TALLINJA CARDS

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar is-serq u vendikazzjonijiet minn vetturi dawn jidher li qed jippersistu. Saħansitra xi uffiċċjali tal-pulizija ġew il-Kunsill sabiex jitolbu l-filmat mill-camera li l-Kunsill għandu wara l-iskola ta' Tal Barrani.

xiii.i Hawnhekk is-Sindku spjega, għall-benefiċċju tal-Kunsilliera li ma kienux jafu li l-Ex Sindku kien waħħal camera mal-kamra taz-zfin tiegħu li suppost l-użu tagħha kellu jkun minabba l-iskips li hemm biswiet din l-istess kamra li tagħti għall-area ta' Pjazza Agatha Barbara u Triq Kelinu Cachia ikluż l-isqaqien. Din il-camera hija proprjeta tal-Kunsill u din hija camera li kellha tkun mobbli u titwaħħal f'areas skond il-bżonn. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienux jafu li din il-camera kienet imwaħħla mal-kamra taz-zfin tal-Ex Sindku? Il-Kunsillieri kollha eskluż l-Kunsillier Luke Genuis peress li kien għadu ġdid qalu li ma kienux jafu li l-camera kienet imwaħħla fejn kienet. Serq u Vendikazzjoni minn vetturi / Camera Mobbli

xiii.ii Kien hemm qbil unanimu li nitolbu lill-Ex Sindku sabiex jaqla' din il-camera minn fejn hi u jirritornaha lura lill-Kunsill. Camera Mobbli

xiii.iii Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li dalgħodu stess hija saret taf li din il-camera kienet mwaħħla fejn hi. Dan għaliex wara li kienu qed jaslu diversi lmenti minn nies tal-area li l-ġbir tal-iskart ma kienx qed isir, marret fuq il-post biex tara. Fuq wara tal-iskola issib żewġ skips u tabella li z-zona hija mgħassa 24 siegħa kuljum u l-ħajt li saret taf li huwa l-ħajt tal-kamra taz-zfin tal-Ex Sindku ssib camera mwaħħla li saret taf li dik hija l-camera proprjeta' tal-Kunsill. Wriet ukoll xi ritratti tal-post. Skart Domestiku

xiii.iv Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li tintbgħat ittra bieb bieb lir-residenti kollha tal-area in kwistjoni u kif ukoll tintbgħat nota lill-Kuntrattur sabiex ninfurmawh li l-iscammel trid terġa tibda tidħol wara l-iskola u fejn l-iscammel ma tgħaddix l-iskart irid jinġabar bieb bieb mill-kolletturi.

xiii.v Rigward dan il-kuntratt ta' ġbir ta' skart domestiku, is-Sindku żied jgħid li dan il-kuntrattur in partikolari kien ċempel l-uffiċċju tal-Kunsill u saħansitra kien bgħatt kont tal-imgħaxx ta' xahar

għaliex il-Kunsill ma kienx ħallas fi żmien xahar. Saħansitra irċevejna ittra bl-Avukat.

xiii.vi Is-Sindku spjega li dan ġara minħabba li ladarba kien inbidel is-Sindku kellhom ukoll jerġgħu jinbidlu l-firem u dan il-proċess ħa ftit jiem biex sar. Sadanittant l-garanzija bankarja ta' dan il-kuntrattur kienet skaduta u b'dan diġa' kien infurmat verbalment l-istess kuntrattur. Pero xorta waħda baqa' ma ġeddidx l-Garanzija Bankarja. Skond il-liġi tal-Kunsill, aħna xorta waħda ma stajniex inħallsu sakemm din il-garanzija tkun imġedda. Għalhekk għaddejna kollox lill-Avukat tagħna u tkellmu l-avukati bejniethom. Sadanittant hekk kif irċevejna l-garanzija mġedda bgħatna mill-ewwel il-pagament dovut tax-xahar mingħajr l-interessi.

xiii.vii Is-Sindku rrimarka li jekk dan il-kuntrattur kien imdorri bis-sistema tal-Ex Sindku fejn dan tal-aħħar kien idur u jiġbor il-boroż li jħalli warajh il-kuntrattur, jiddispjaċih imma hu mhux ser jiġbor żibel wara ħadd. Saħansitra l-Kunsilliera Doris Vella rrimarkat li jekk taqalhom xi borża u tinfetħilhom dawn ma jiġbruhiex. Is-Sindku qal li dan l-aġir mhux tollerabbli u jekk ser jibqa jkun hemm ilmenti mingħand in-nies ser jibda joħroġ id-default notices.

xiv. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia, b'referenza għal email li kienu kkupjati biha, talab sabiex ikollhom lista tal-kuntratti li għandu l-Kunsill bid-dettalji relatati.

xiv.i Is-Seg. Eżek. qalet li hija dan l-eżerċizzju għadha kemm temmietu issa u spjegat li hi ma kenitx għamlietu qabel sabiex in-nuqqasijiet li kien hemm u li saru mis-Segretarji Eżekuttivi ta' qabel joħorġu waqt l-Audit u jitniżżlu fil-Management Letter kif fil-fatt ġara. Hija kompliet tispjega li l-Management Letter waslet u ġiet imwieġba ftit jiem qabel din il-laqgħa tal-Kunsill. Fejn hemm il-pendenzi ser jiġu aġġustati hekk kif titlob il-liġi filwaqt li dawk it-tenders li waslu biex jiskadu ser jiġu mġedda għal ftit xhur sabiex sadanittant jiġu ppreparati d-dokumenti l-ġodda u jinħarġu s-sejħiet. Tenders

xiv.ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt tad-dawl mal-kuntrattur magħżul ser ikun iffirmat fil-jiem li ġejjin. Kuntratt Dawl

xv. Is-Sindku staqsa lis-Seg. Eżek. x'kien ġara minn dik it-tfajla li l-Ex Sindku kien ippropona sabiex il-Kunsill japprova bħala l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ. Is-Seg. Eżek. wieġbet li din it-tfajla kienet l-ewwel bdiet bħala studenta li kellha tagħmel xi siegħat ta' taħriġ fil-Kunsill imbgħad kien l-Ex Sindku li staqsiha ridetx tkun l-Ambaxxatriċi. Hija għalkemm kienet aċċettat kienet ġiet biss darb'oħra biex tkompli s-siegħat li kellha tagħmel u ma dehritx iktar. Ambaxxatriċi Vot16

xv.i Rigward il-full Audit is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kellha terġa tkellem lill-Accountant ladarba jlestu l-Management replies. Għalhekk issa kienet ser terġa tkellmu u tirraporta f'laqgħa oħra li jmiss. Full Audit

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-uffiċċju tas-Seg. Eżek. reġa ġie magħluq bil-partition terġa titwaħħal fejn kienet. B'hekk issa r-responsabbilta' tad-dokumenti ser tkun tagħha biss. Dan qabel ma setax isir peress li dawn id-dokumenti qatt ma kienu msakkrin. Uffiċċju tas-Seg. Eżek.

xvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-każ tal-ex kuntrattur tal-iskips li kien qed jiġi allegat li tħallas darbtejn, u li saħansitra dehru xi kummenti dwar dan fuq facebook, saret laqgħa miegħu fil-preżenza tal-avukati taż-żewġ partijiet. Waqt din il-laqgħa ħareġ li l-Ex Sindku kien żamm kont lill-dan l-istess kuntrattur pero fuq xogħol ta' konkos, li miegħu ukoll kellna kuntratt. Dan il-kont kien inżamm biex jikkompensa għal pagament doppju li skont l-Ex Sindku kien sar. Każ Ex Kuntrattur

xvii.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rrimarka li dan l-aġir kien illegali. Dan ikkonfermah ukoll is-Sindku fejn żied jgħid li b'dan kollu l-Kunsill qatt ma kien ġie infurmat. Is-Sindku qal li sadanittant ġew ivverifikati l-kontijiet u l-ħlasijiet kollha li saru u rriżulta li l-Kunsill bejn dak li ħallas żejjed u dak li kellu jieħu l-kuntrattur fuq il-kont miżmum tal-konkos bejn wieħed u ieħor ġejna f'bilanċ. Il-kuntrattur iddikjara li qed jirrinunċja għall-ammont li jibqa bħala bilanċ a favur tiegħu u dawn ser ikunu assorbiti għall-ispejjeż tal-avukat.

xvii.ii Is-Sindku qal li għalhekk kien hemm qbil bejn l-avukati li jsir ftehim ta' transazzjoni kif fil-fatt sar u li ġie ffirmat minnu bħala Sindku, mis-Seg. Eżek. u mill-Kuntrattur. Is-Sindku qara dan il-Ftehim.

Xviii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minħabba sigurta' ser tinqala' l-partition li hemm fir-reception area u ser teħel minflokk il-ħabel. Kif ukoll il-bieb ta' barra ser jinqala' u jinbidel għaliex mhuwiex jingħalaq sew. Partition - ReceptionArea

xix. Is-Seg. Eżek. qalet li rċevejna talba mingħand il-kumpanija Melita fejn dawn qed jitolbu li jwaħħlu arblu fi Triq Alfier De Medran minħabba raġunijiet ta' kontinwita' tas-servizz lill-pubbliku. Twaħħil ta' Arblu mill-MELITA

Il-Kunsill unanimament qabel li jitwaħħal dan l-arblu.

xx. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li rċevejna talba mingħand is-Sinjura Connie Saliba mill-Prayer Group sabiex isiru żewġ outreaches wieħed fi Ġnien Joanne u ieħor fi Ġnien Kunsilli Lokali 2000. Permess Prayer Group

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn iż-żewġ outreaches isiru fil-ġonna msemmija.

3. **Tqassim ta' Dekasteri**

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li l-Kunsillier il-ġdid għadu mingħajr dekasteru, bi ftehim mal-Viċi Sindku ser jieħu ż-Żagħżagħ minn taħt idejh u jgħaddi dan id-dekasteru lill-Kunsillier Luke Genuis.

i.i Is-Sindku żied jgħidlu li issa l-ewwel impenn tiegħu ser ikun li jsib persuna biex tkun ikkonfermata Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

4. **Affarijiet Finanzjarji**

***Skeda ta' pagamenti***

i. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kontijiet tal-fuel u tal-ironmongery diġa naqsu drastikament filwaqt li għadu jsir l-istess xogħol.

ii. L-Iskeda ġiet approva b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

5. **Rapport tal-Kunsilliera**

i. *Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i.i Il-Kunsillier Frans Agius qal li saret il-laqgħa dwar il-korsijiet tal-IKIDS għal dan is-sajf. Laqgħa qabel il-korsijeit tal-IKids

i.ii Il-Kunsillier Frans Agius qal li tkellem mal-persuna li ser jorganizza l-korsijiet tat-tpinġija u crafts u waslu fi ftehim u deher ukoll avviż fil-paġna ta' Facebook. Kors tal-crafts

*Il-Kunsillier Frans Agius talab biex ikun skużat mill-laqgħa fi 20:40pm*

ii *Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin*

ii.i Il-Viċi Sindku Keith Darmanin qal li l-lezzjonijiet tal-Aerobics bdew u għandna konkorrenza tajba ħafna.

4 Is-Sur Darmanin issuġġerixxa li ċ-Ċertifikati tal-Aerobics jitqassmu waqt sessjoni tal-Aerobics. Il-Kunsill qabel.

Is-Sur Darmanin ippropona li jerġgħu jibdew il-laqgħat tan-Neighbourhood Watch. U qed jissuġġerixxi li jsiru dawn il-laqgħat:-

- Laqgħa għar-residenti ta' Vjal Simmons saret;
- 7 ta' Lulju 2015 fis-6.30pm għar-residenti ta' Triq it-Tarzna, Triq Ħal Luqa u Triq Santu Wistin;
- 21 ta' Lulju 2015 fis-6.30pm għar-residenti ta' Triq Dun Karm Sant, Triq il-Madonna tar-Rużarju u Triq ir-Russett;
- 4 ta' Awwissu 2015 fis-6.30pm għar-residenti ta' Triq Valerio Vigorelli, Triq E.B. Vella u Triq Marjanu Gerada;

Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-laqgħat.

ii.ii Viċi Sindku qal li nieżel darbtejn l-għassa sabiex jitkellem mas-Supt. Frans Micallef pero ma sabux hemmhekk għalhekk għamel rapport personali sabiex il-pulizija jagħmlu ronda fl-akkwata.

iii. *Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

i Is-Sur Dalli nforma lill-Kunsill li jerġa jkellem lill-operatur sabiex iġibilna ż-żewġ riċipjenti li ser jitpoġġew wieħed quddiem il-Kunsill Lokali u ieħor fi Ġnien Mark Farrugia u jekk inhu possibli u ieħor fi Ġnien Ovindoli.

6. **Ħwejjeġ Oħra**

Il-Kunsill unanimament qabel li jinxtraw 2 ikoni waħda kull wieħed għaż-żewġ qassisin minn Ħal Tarxien li ser jieħdu l-ordinazzjoni fil-jiem li ġejjien.

7. **Għeluq tal-laqgħa**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 20:50pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm l-Erbgħat 29 ta' Lulju 2015 fis-6.00pm

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**